# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVIL

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 6 ta' Mejju, 2002.**

**Kawza Numru: 3**

**Citaz. Nru. 406/02 GV**

**GDL Trading & Services Limited**

**Vs**

**Tonio Ciantar f'ismu proprju u Toys 'N" Kids Limited gja Chains Enterprises Limited**

**Il-Qorti.**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi l-attur bi skrittura tal-10 ta' Gunju, 1999 kellu jithallas s-somma ta' Lm20,156.57 minghand il-konvenut skond l-iskrittura hawn annessa u mmarkata Dokument A.

Peress illi l-konvenut huwa moruz fil-hlas u l-pagamenti bilancjali fis-somma ta' Lm7,200 oltre l-imghax legali mill-1 ta' Jannar, 2001 u dan a tenur ta' klawsola 2 (B) (III) ta' l-istess skrittura fuq imsemmija.

Ppremess illi l-konvenuti huma moruzi fil-hlas a tenur ta' klawsola 7 ta' l-istess skrittura fuq imsemmija u ghalhekk tilfu l-beneficju tat-terminu lilhom moghti a tenur ta' l-istess skrittura u dan peress li ma thallsux aktar minn zewg skadenzi kif hemm stipulat.

Premess illi l-attur b'ittra ufficjali tat-30 ta' Awissu, 2000 interpella lill-konvenuti biex ihallsu l-attur is-somma fuq imsemmija ta' Lm7,200 oltre l-imghax legali mill-1 ta' Jannar 2001 rapprezentanti kreditu dovut lill-attur ai termini ta' l-iskrittura tal-10 ta' Gunju, 1999 pero' baqghu in adempjenti.

Premess illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut.

Premess illi l-attur jaf lilu nnifsu b'dawn il-fatti kif fuq iddikjarati.

Premess illi l-konvenuti ma ghandhom ebda eccezzjoni valida x'jissollevaw.

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti, ghar-ragunijiet premessi:

1. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm7,200 oltre l-imghax legali mill-1 ta' Jannar, 2001 u dan bhala bilanc ta' kreditu dovut mis-socjeta' konvenuta lill-attur ai termini tal-iskrittura

tal-10 ta' Gunju, 1999 hawn annessa u mmarkata bhala Dokument A, skond *statement of account* immarkat Dokument B.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tal-1 ta' Awissu, 2001, tal-Ittra Ufficjali tat-30 ta' Awissu, 2001 u tal-mandat ta' sekwestru numru 763/02 kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici

Ra in-nota tal-konvenuti li biha ammettew it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti t-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddecidi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**